MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1467/2002/1

**Associated Supplies Limited**

**vs**

**Henry St. John u Joseph Gaffiero u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Settembru 2002 il-kunjom tal-konvenut Gaffiero, ghandu jigi sostitwit bil-kunjom Gaffarena u b'digriet tat-Tribunal tas-7 ta' Mejju 2003 wara l-ismijiet tal-konvenuti ghandhom jizdiedu l-kliem 'u dana ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Casa Serena Ltd' wara l-okkju u kull fejn jirrikorri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm452.54) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' zewg *air conditioning units* mibjugha u ikkonsenjati, komprizi l-valur tax-xogholijiet addizzjonali ezegwieti fuq l-istess *air conditioning units*, mis-socjeta attrici fuq l-inkarigu u ghal beneficcju tal-konvenuti

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-21 ta' Dicembru 2001, kif ukoll ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2002 u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tal-konsenja u cioe' mid-19 ta' April 2001 sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Ra d-digriet tal-24 ta' Settembru 2002 li permezz tieghu kunjom il-konvenut gie sostiwit minn Gaffiero ghal Gaffarena.

Ra l-eccezzjoni sollevati mill-konvenuti li permezz taghha huma ecceppew illi l-prezz miftiehem kien wiehed globali li kien jinkludi x-xogholijiet kollha u li ghalhekk l-ammont mitlub ma huwiex dovut. Illi inoltre u dana minghajr pregudizzju ghal din l-eccezzjoni jekk hemm xi ammont dovut dana huwa dovut minn Casa Serena Limited li maghha sar n-negozju.

Ra d-digriet tas-7 ta' Mejju 2003, li permezz tieghu wara l-ismijiet tal-konvenuti gew mizjuda l-kliem "u dana ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Casa Serana Limited."

Sema' x-xhieda ta' Anthony Gauci, u ta' Henry St. John.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi jirrizulta illi l-konvenuti nomine kienu ordnaw tlett *airconditioning units* minn ghand is-socjeta attrici, li

kellhom jigu installati mill-istess socjeta. Il-prezz ikkwotat kien jinkludi il-valur ta'l-*units* u tax-xogholijiet ta'istallazzjoni kif ukoll tal-materjal kollu li kien hemm bzonn sabiex l-istess jigi installat. Illi l-istima originali kienet saret fuq tul ta' tnax-il metru *ducting*, izda sussegwentment u dana skond ix-xhieda ta' Anthony Gauci in rappresentanza tas-socjeta attrici, l-konvenuti nomine kienu biddlu l-post fejn xtaqu jinstallaw zewg *airconditioning units* u allura kien hemm bzonn materjal *extra* ta' *pipes* peress illi huma kienu caqalquh xi ftit metri iktar 'il boghod u ghalhekk it-tul zdied minn tnax ghal tmintax-il metru. Huwa ghal dan il-materjal zejjed li gie ipprovdut illi s-socjeta attrici qed titlob l-hlas permezz tal-presenti istanza. Ghalhekk ghalkemm l-ordni kienet saret fuq tnax-il metru, izda sussegwentment dan zdied ghal tmintax-il metru ghal kull *unit* (dana rigward *zewg airconditioning units* biss ghaliex rigward it-tielet wiehed ma kienx hemm kontestazzjoni u dana thallas). Anthony Gauci jikkontendi illi meta gie finalizzat il-ftehim, il-konvenuti kienu jafu li kien hemm din iz-zieda u dana peress illi l-*quotation* original ta' Lm4000 kienet harrget fuq tnax-il metru u mhux tmintax.

Illi min-naha tieghu Henry St.John jikkontendi illi l-prezz miftiehem mas-socjeta attrici kien wiehed globali li kellu jinkludi l-prezz ghall-*extra ducting*. Kien minhabba f'din ir-raguni illi huma kienu accettaw il-*quotation* tas-socjeta attrici u mhux ta' kompetitur iehor taghhom li kien ser jitlob il-hlas ghal dan l-*extra ducting*. Henry St.John madanakollu ighid illi huwa ma kienx involut fin-negozjati u lanqas jista' ighid min kien l-impjegat taghhom li kien innegozja mas-socjeta attrici, izda jista' jikkonferma illi dan kien il-ftehim. Fil-fatt huma kienu hallsu l-ammont dovut ghall-*air conditioning units*, izda irrifjutaw ihallsu dan l-ammont addizzjonali li qieghed jintalab il-hlas tieghu f'din il-kawza. Huwa jichad illi kienu biddlu l-post fejn kellhom jigu installati dawn l-*air conditioning units*. Jikkonferma il-firma tieghu fuq id-Dokument AG4, li huwa il-ftehim milhuq bejn il-partijiet. Inoltre huwa jikkonferma illi kien a konoxxenza tal-kontenut tad-Dokument AG3 u cioe ta'l-ahhar *quotation* li kienet saret u li giet accettata min-naha

taghhom, izda xorta isostni illi l-ftehim kien li ma kellux isir hlas ghall-*extra ducting*.

Ikkunsidra,

Illi mid-dokumenti esebiti u senjatament l-ahhar *quotation* li saret lill-konvenuti nomine jirrizulta illi l-prezz ta' Lm4000 kellu jinkudi ducting ta' tnax-il metru ghal kull unit. Illi mill-*istatement* mahruga mis-socjeta attrici esebiet a fol.27 tal-process (Dokument AG1), jidher car illi ghad fadal bilanc dovut mill-konvenuti nomine ta'Lm452.52. Illi inoltre fil-klawsola bin-numru 7 (c ) u (d) tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet (Dokument AG4) jidher car illi l-kumpanija solitu jitolbu hlas *extra* ghal *ducting* li jeccedi is-sitt metri u li kwalunkwe zieda li jista' jiltob il-klijent, dana ghandu jithallas minnu u ma ikunx inkluz fil-prezz.

Illi ghalkemm Henry St.John jikkontendi illi ma kienx sar tibdil fil-post fejn kellhom jgu installati dawn iz-zewg *airconditiong units* u ghalhekk ma kienx hemm bzonn *extra ducting*, jirrizulta madanakollu illi l-konvenut ma kienx involut xejn fin-negozjati li wasslu l-partijiet ghal ftehim u lanqas ma kien prezenti meta effettivament gew installati dawn l-*air conditiong units*. Lanqas biss kien jaf min kienet il-persuna li hadet hsieb din il-kwistjoni u ghalhekk wisq inqas seta' iressqu bhala xhud sabiex jikkonferma dak kollu li huwa qal fil-kors tax-xhieda tieghu li ghalhekk jirrizulta illi fil-maggior parti taghha hija *detto del detto* ghaliex jistrieh fuq dak li gie riferut lilu minn haddiehor. Illi ghalhekk ix-xhieda ta' Anthony Gauci hija wahda iktar kredibbli u sostanzjata bid-dokumenti. Jirrizulta ghalhekk minghajr l-icken dubbju illi l-prezz originali kien jinkludi *ducting* ghal tul ta' tnax-il metru u ghalhekk l-materjal *extra* li gie ipprovdut fuq xewqa tal-konvenuti nomine ma huwiex parti mill-ftehim originali u kwindi huwa dovut.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti nomine jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u

erbgha u hamsin centezmu (Lm452.54), bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' April 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------